MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1699/1995/1

**Dr. Jose` Herrera bhala prokuratur ta' l-assenti Alessandro Zaninelli**

**v.**

**Gaetano Debattista u Anselm Sciberras fil-kwalita` taghhom bhala president u segretarju ta' Hamrun Spartans F.C.;
u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2001, Victor Tedesco u Stephen Saliba bhala presidenti u segretarju rispettivament
tal-Hamrun Spartans F.C. gew awtorizzati jassumu l-atti tal-kawza u dan minflok il-konvenuti odjerni**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fis-27 ta' Awissu 1993, l-attur, Alessandro Zaninelli dahal f'kuntratt (kopja a fol. 5) mal-Club sportiv Hamrun Spartans F.C., sabiex bejn il-perjodu ta' l-ewwel ta' Settembru 1993 sat-30 ta' Mejju 1994, huwa jilghab ma' l-istess club tal-football.

2. Fit-30 ta' Ottubru 1995, Dr. Jose Herrera, bhala prokuratur ta' l-assenti Alessandro Zaninelli, ipprezenta citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li biha talab lil dik il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kienu kisru l-imsemmi kuntratt u ghalhekk talab li d-danni sofferti minnu minhabba dan l-agir tal-klabb jigu likwidati u li l-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata. Min-naha taghhom, il-konvenuti eccepew bazikament li kien l-attur li kien jahti ghall-ksur tal-kuntratt imsemmi u li minhabba dan l-agir kienu huma li soffrew danni kbar u ghalhekk ressqu kontro-talba ghar-rizarciment ta' l-istess danni sofferti minnhom.

3. Fil-21 ta' April 2004, l-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha, li biha sabet li l-attur Alessandro Zaninelli kien hati ghall-ksur tal-kuntratt tas-27 ta' Awissu 1993, u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici kollha. Hija laqghet il-kontro-talba tal-konvenuti u kkundannat lill-attur ihallashom is-somma ta' Lm7,157.77, li dik il-Qorti sarrfet fis-somma ta' 16,784.849 Euro (32,500,000 Lire Italiane). Kopja shiha tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti sejra tigi riprodotta hawn *in toto* billi fiha hemm inkluzi t-talbiet u l-kontro talbiet u l-eccezzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, kif ukoll billi fiha hemm sunt komprensiv tal-provi l-aktar saljenti akwiziti fil-process, flimkien mal-motivazzjonijiet li a bazi taghhom l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha:

"Il-Qorti;
"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Ottubru 1995, li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

"Premess illi Alessandro Zaninelli dahal f'kuntratt definit ta' impjieg mal-konvenuti *nomine* fis-27 ta' Awissu 1993 (Dok. A) skond liema kuntratt il-konvenuti *nomine* intrabtu li jhallsuh pagamenti mensili fil-granet specifikati fl-istess kuntratt;

"Premess illi skond klawsola sitta (6) ta' l-istess kuntratt il-konvenuti *nomine* intrabtu illi jekk jibqghu moruzi lejn l-attur *nomine* ghal aktar minn hamest (5) ijiem mid-dati stabbiliti ghall-pagamenti fil-kuntratt, il-konvenuti *nomine* kellhom jipprovdu trasferiment ghall-attur *nomine* lura lejn l-Italja u jhallsu danni ekwivalenti ghall-valur tal-kuntratt;

"Premess illi l-konvenuti *nomine* gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni izda baqghu inadempjenti;

"Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti *nomine* kisru l-kuntratt iffirmat bejnhom u l-attur fit-28 ta' Awissu 1993;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* a kawza ta' dan l-agir;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lill-attur *nomine* is-somma hekk likwidata;

"Bl-ispejjez u l-imghax;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

"Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Gaetano Debattista u Anselm Sciberras nomine pprezentata fit-18 ta' Marzu 1996, li permezz taghha huma eccepew:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi kien l-istess attur li jahti ghall-ksur tal-kuntratt ta' ingagg tieghu, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smigh;

"2. Illi, ghalhekk l-attur ma jistax jitlob l-ebda kumpens ghal danni minnu pretizi u kawzati b' imgiebtu stess;

"3. Illi minhabba l-agir ta' l-attur l-eccipjenti nomine soffrew danni kbar, u ghalhekk qeghdin kontestwalment iressqu l-annessa kontro-talba fil-konfront ta' l-attur;

"4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

"Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-konvenuti *nomine* li permezz taghha huma ppremettew:-

"Illi Alessandro Zaninelli kien ingaggat permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Awissu 1993, biex jaghti s-servizzi tieghu bhala *goalkeeper* ma' Hamrun Spartans Football Club, b'effett mill-1 ta' Settembru 1993, sat-30 ta' Mejju 1994;

"Illi matul l-imsemmi kuntratt, u precizament fil-15 ta' April 1994, Zaninelli qabad u telaq mill-impenji tieghu u dan bla ebda pre-avviz jew gustifikazzjoni u abbanduna lill-istess Hamrun Spartans Football Club, u fi ftit jiem telaq minn Malta;

"Illi l-agir tieghu jikkostitwixxi ksur unilaterali u illegali tal-kuntratt ta' l-ingagg;

"Illi bl-agir tieghu, kemm qabel ma halla l-impenji tieghu u aktar u aktar bl-abbandun da parti tieghu kif fuq inghad, il-Hamrun Spartans Football Club soffrew danni kbar, konsistenti f'anticipi mhallsin fi flus kontanti lil Zaninelli u telf finanzjarju iehor, kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

"Illi Alessandro Zaninelli naqas li jaghmel tajjeb ghall-hsara arrekata lil Hamrun Spartans Football Club, minkejja li gie interpellat jaghmel dan;

"Talbu ghalhekk il-konvenuti *nomine* rikonvenzjonanti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

"1. Tiddikjara li l-attur jahti ta' ksur tal-kuntratt ta' l-ingagg tas-27 ta' Awissu 1993, billi abbanduna l-istess qabel it-tmiem tieghu;

"2. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti *nomine* minhabba l-agir tieghu u l-ksur da parti tieghu ta' l-istess kuntratt;

"3. Tillikwida, jekk mehtieg bil-hidma ta' perit minnha mahtur, id-danni hekk sofferti mill-esponenti *nomine*;

"4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-esponenti nomine l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru kontestwalment prezentat, kontra l-attur;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti nomine akkompanjanti l-Kontro-talba taghhom u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

"Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghall-kontro talba tal-konvenuti *nomine*, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

"1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti blispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet;

"2. Illi m'huwiex minnu illi l-attur qabad u telaq mill-impjieg tieghu minghajr pre-avviz jew gustifikazzjoni;

"3. Illi fil-fatt kienu l-konvenuti li kisru tali kuntratt billi baqghu moruzi fil-hlas tal-pagamenti dovuti lil Zaninelli, u skond klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn ilkontendenti, din il-morozita` kienet iggib maghha x-xoljiment ta' kwalunkwe obbligu da parti ta' Zaninelli versu l-konvenuti u tesponi lill-konvenuti ghad-danni kif gja` premess fic-citazzjoni;

"4. Illi m’huwiex minnu illi sar xi hlasijiet bil-quddiem mill-konvenuti kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh u trattazzjoni ta’ din il-kawza;

"5. Illi kwindi, kwalunkwe danni li soffrew il-konvenuti ma kienx ikkawzat minn Zaninelli izda mill-konvenuti stess;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur nomine u l-lista tax-xhieda tieghu;

"Rat id-digriet tat-22 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

"Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

"Rat in-noti ta’ sottomisjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

"Rat l-atti kollha tal-process;

"Ikkonsidrat:

"L-istanza prezenti tikkonsisti minn akkuzi reciproci li l-kontendenti jillancjaw reciprokament lil xulxin, konsistenti minn allegazzjonijiet ta’ ksur tar-rapport kontrattwali interkjuz bejniethom fis-27 ta’ Awissu 1993 (kopja tal-kuntratt esebita a fol. 5 tal-process). Huma jippretendu ghalhekk permezz tat-talba u kontro-talba illi l-kontro-parti fil-gudizzju hi responsabbli ghad-danni;

"Ghal dawk li huma fatti jirrizulta illi l-attur Alessandro Zaninelli gie ingaggat bhala *goalkeeper* mill-Hamrun Spartans Football Club in forza tal-precitat kuntratt. *Interalia*, dan il-kuntratt kien jipprovdi ghal kumpens li kellu jircievi l-attur, kompriz salarju, allogg u trasport u l-assistenza biex jitghallem il-lingwa Ingliza. Gie pattwit ukoll illi fil-kaz tan-nuqqas ta’ hlas puntwali tas-salarju ltre hamest ijiem mid-dati konkordati l-Club kellu jillibera lill-*player* minn kull vinkolu kontrattwali, jirranga ghat-

trasferiment tieghu fl-Italja u obbligat ihallas rizarciment karatterizzata bhala penali fl-ammont totali tal-kuntratt dedott minnu dak li l-*player* ikun gja rceva;

"Fl-Affidavit tieghu (fol. 26) l-attur jillanja illi l-Club ma kienx ihallsu fit-termini prefissati, u skond ix-xhieda minnu prodotti kien igerger maghhom mill-akkomodazzjoni offruta (ara Affidavit ta' Andrew Bonello, fol. 34) u li l-Club ma kienx qed josserva t-termini tal-kuntratt u li d-dirigenti tieghu ma kienux qed jistmawh bizzejjed (Affidavit ta' Julio Azzopardi, fol. 36 u dak ta' Nebojsa Milinkovic a fol. 42);

"Permezz ta' l-ufficcjali tieghu u xhieda ohra prodotti l-Club mhux biss jinnega dawn l-akkuzi talli jattribwixxi inadempjenza fl-attur ta' l-obbligazzjonijiet tieghu taht il-kuntratt meta dan f' nofs il-loghba kontra l-Valletta F.C. fl-14 ta' April 1994, meqjusa vitali mill-Club ghall-kwalifikazzjoni fil-kompetizzjonijiet Ewropej, qabad u ddecieda li ma jridx johrog jilghab il-bqija tal-loghba, u habta u sabta qabad u telaq minn Malta qabel id-dekorrenza tal-ftehim. Ara fir-rigward ix-xhieda ta' Gaetano Debattista a fol. 51;

"Minn atti ohra esebiti jirrizulta li l-Club ha mizuri dixxiplinarji kontra l-*player* u fi proceduri li ttiehdu quddiem il-*Player*s & Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association (MFA) gie stabbilit li l-*player* kien kiser il-kuntratt, ikkundannat ihallas lill-Club l-ekwivalenti ta' xahar salarju u li ma kienx intitolat ghal hlas ta' biljett ta' l-ajru gjaladarba kien naqas li jaghti preavviz (Ara dokument a fol. 56). Aktar tard fuq appell tal-Club, il-Bord ta' l-Appell tal-MFA iddetermina wkoll li l-*player* kellu b' zieda mal-multa lilu nflitta jirrifondi wkoll lill-Club l-ekwivalenti ta' liri Taljani sei milioni (6,000,000) li hu kien thallas anticipatament ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju 1994.

"Jidher li din id-decizjoni tal-MFA giet ratifikata mill-FIFA, kif hekk jikkonferma l-istess attur permezz ta' *fax* lil konsulenti legali tieghu, esebit a fol. 106;

"Skond il-posizzjoni tal-Club rikonvenzjonant l-inkwiet mal-*player* inqala proprju minhabba l-loghba kontra l-Valletta

F. C. (Ara deposizzjoni ta' Saviour Baldacchino, Segretarju tal-Club, fol. 128) u mhux ghar-ragunijiet avanzati mill-attur. Anzi dawn l-istess ragunijiet jinsabu kontraddetti minn Victor Tedesco (fol. 60), bintu Dorietta Calabretta (fol. 126 u fol. 148) u Peter Pace Bonello (fol.87) sid l-appartament fejn kien soggornat il-*player* u li jikkonferma li meta l-attur kien ghadu Malta ma kienet inqalghet l-ebda problema dwar il-kirja jew dwar il-hlas tal-kera;

"Premessi dawn il-fatti li fuqhom ikkontrovertew iz-zewg kontendenti, jibda qabel xejn biex jigi osservat in tema ta' dritt illi kif jinghad fl-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili, "il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom". Din l-espressjoni tesprimi enfatikament il-kuncett illi l-kuntratt, kemm ghal dik li hi modifikazzjoni tieghu, l-obbligazzjonijiet reciproci u rrizoluzzjoni tieghu, ma jistax jigi alterat jew rizolut bil-volonta` unilaterali ta' xi parti fost il-kontraenti. Fi kliem iehor f'dan it-tip ta' kuntratt hadd mill-partijiet ma seta' jaqbad u jirrizolvih *ad nutum* u b' mod unilaterali, kif hekk insibu, *ad exemplum*, fil-kaz tal-kommittent taht il-kuntratt ta' appalt a norma ta' l-Artikolu 1640 (1) tal-Kodici Civili; A propozitu, jissokta jinghad fis-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 illi "l-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi".

"Kif spjegat fid-decizjoni riportata a Vol. XLIII P II p 805, "fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tal-Kodici Civili) ... Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239)";

"Kif taraha din l-Qorti huwa fatt illi sad-data tal-loghba bejn il-Club konvenut u l-Valletta F. C. l-attur, li jafferma li kellu lanjanzi gustifikattivi konsegwenti ghan-nuqqas tal-hlas lilu tas-salarju dovut, jew dwar ix-xorta ta' akkomodazzjoni lilu provvduta, ma kienx ghadu ha passi attivi biex jillibera

ruhu mir-rabta kontrattwali tieghu u jitlob li jigi mehlus minn kull vinkolu. Dan kien certament jikkompeti lilu jekk, kif ritenut minnu, mhux biss ma kienx qed jithallas tempestivament izda addirittura lanqas biss ma kien qed jithallas. Dan pero` baqa' ma ghamlux u fl-okkazjoni tal-loghba fuq imsemmija deherlu li minn rajh jassumi l-veste ta' gudikant, jirrizolvi l-ftehim, jonqos mill-impenji tieghu u ma jkomplix jippresta s-servizzi kalcistici tieghu lill-Club.

"Dan bla ebda dikjarazzjoni gudizzjarja jew, ghall-anqas, ta' l-awtorita` kompetenti in materja ta' kontrattazzjonijiet ta' din ix-xorta. Issa permezz ta' l-azzjoni minnu proposta, wara li kien gja ddecieda li *"sua sponte*" jirrizolvi l-ftehim, qed jippretendi li l-Club kien inadempjenti u ghandu jwiegeb ghad-danni fil-konfront tieghu. Akkuza din ta' inadempjenza li mhux biss qed tigi kontrastata lilu mill-Club izda, fuq kollox ukoll, qed tigi opposta lilu l-"*exceptio inadempleti contractus*";

"Huwa maghruf illi meta gudikant ikun, bhal f'dan il-kaz, konfrontat b'akkuzi reciproci ta' inadempiment, una volta accertata l-ezistenzi ta' dan l-inadempiment reciproku, jehtieglu, imbaghad, jaghmel evalwazzjoni komparattiva ta' l-imgieba taz-zewg kontraenti fuq il-bazi tal-proporzjonalita` u tal-kawzalita` bejn iz-zewg inadempjenzi. Dan bl-iskop li tigi stabbilita r-relazzjoni ghall-interessi rispettivi u ta' l-oggettiva entita` ta' l-inadempjenza biex jigi determinat jekk dawn jekwivalux jew jekk l-inadempjenza l-wahda ghandhiex tiprevalixxi fuq l-ohra;

"Kif gie ritenut mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2000 (Numru 11784), "*ai fini della pronuncia di risoluzione di un contratto a prestazioni corrispettive in caso di inadempienze reciproche, il giudice per stabilire la sussistenza dell' inadempimento determinante a carico di uno dei contraenti non puo` limitarsi ad esaminare il comportamento di una sola delle parti, ma deve procedere ad una valutazione unitaria della condotta di entrambi i contraenti per accertare gli inadempimenti reciprocamente lamentate dalle parti ed apprezzarne l'*

*effettiva gravita` ed efficienza causale rispetto alla finalita` economica complessiva del contratto, nonche la conseguente ininfluenza sulla sorte del medesimo.*";

"Dan it-taghlim tad-duttrina u tal-gurisprudenza Taljana ma jidhirx li hu aljen fil-kazistika lokali jew innovattiv ghall-Qrati taghna. Ara Kollez. Vol. XLIX P I p 518. In effetti fuq l-istregwa ta' dawn l-istess insenjamenti l-Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li jitlaq mill-premessa illi l-eccezzjoni "*inadempleti contractus*" tista' tigi sollevata b'mod generali fil-kuntratti sinallagmatici kollha, u indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, jissokta jirrileva illi "ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (i) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali mill-ftehim (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet" - "Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri", 11 ta' Ottubru 1966;

"Affermati dawn il-kriterji gwida, fil-kaz taht konsiderazzjoni, analizzat kif jixraq l-apprezzament ekwitattiv fuq l-allegati nuqqasijiet li graw minn naha jew minn ohra u fuq l-importanza taghhom relattivament ghal xulxin, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"I. Kif manifest mid-dokumenti tal-proceduri quddiem id-diversi organi tal-Malta Football Association huwa fatt accertat illi l-attur ma kienx thallas is-salarju ghall-iskadenzi ta' Jannar u Frar 1994. Skond ix-xhud Victor Tedesco (fol. 61) dawn il-hlasijiet ma sarux bi ftehim reciproku in kwantu l-attur kien thajjar jixtri vettura tat-tip Morris Station Wagon. Dan il-fatt ma jidhirx li hu kontestat mill-attur, u lanqas seta' jkun ghaliex fil-fatt jirrizulta mir-ricevuta datata 19 ta' Marzu 1994 (fol. 141) illi effettivament fuq din il-vettura kien thallas depozitu ta' Lm200. Dak li pero` jikkontesta l-attur hu l-fatt illi l-Club ma pprosegwiex attivament bil-hlas debitu biex jixtrilu din il-vettura. Fil-fatt jilmenta li l-imsemmi Victor Tedesco kien gablu skuza dwar problemi ta' dokumenti (Ara risposta ta' l-attur a fol. 164). Anke kieku dan kien hekk il-kaz din ma kienetx kwestjoni li ma setghetx tigi rimedjata ghax l-attur

dejjem seta' jiddomanda l-hlas tas-salarju minflok il-vettura jew jinvoka l-kuntratt. Minn dan kollu baqa' ma ghamel xejn ghallanqas sad-data tal-partita kontra l-Club tal-Valletta. U, kif gja` manifest, la rrikorra ghas-salvagwardja tad-drittijiet tieghu lill-awtoritajiet gudizzjarji u lanqas lill-organi tal-Assocjazzjoni tal-Football f'Malta fejn kien registrat;

"II. In-nuqqas ta' l-attur li ma jkomplix jilghab f'dik l-istess partita ma jidhirx li kien dovut fil-verita` ghan-nuqqas tal-hlas izda ghal fatt li hu seta' hassu offiz meta gie konfrontat bin-nuqqas ta' impenn tieghu f' dik l-istess loghba, hekk importanti ghal Club konvenut f' dak l-istagun;

"III. Dan in-nuqqas tieghu, f'dak il-mument, u l-fatt li in segwitu hu qabad u bla kliem u bla sliem allontana ruhu minn Malta, u halla lil Club bla *goalkeeper* titolari, certament ma jistax jitqiesu xi nuqqas trivjali u ta' bla importanza. Tenut kont ta' l-aspirazzjonijiet li kellu l-Club konvenut f' dak l-istagun, l-ispiza nkorsa minnu biex jassikura l-ingagg ta' l-attur, l-inadempiment ta' l-attur ghal Club ma setax ma jitqiesx wiehed gravi. Is-serjeta` tas-sitwazzjoni kienet certament timponi fuq l-attur, hekk kwalifikat mix-xhieda prodotti minnu, bhala *footballer* professjonali u ta' esperjenza, illi hu ghallanqas jaghti preavviz lil Club li ried jitlaq u jinhall mill-impenji tieghu. Jekk xejn, fir-rispett tal-principju tal-*buona fede*. Minflok hu deherlu li kellu jimponi l-volonta` tieghu billi minn rajh jiddetermina ruhu zvinkolat minn kull impenn u *ex abrupto* jitlaq minn Malta;

"IV. Fil-gudizzju ta' din il-Qorti ma ssib l-ebda ekwivalenza bejn l-allegata inadempjenza tal-Club konvenut u dik ta' l-attur. Anzi, ghal kuntrarju, issib li l-inadempjenza, b'mod gravi, gejja min-naha ta' l-attur li vvjola l-kuntratt. Il-Qorti ghalhekk ma ssibx raguni biex issostni t-talbiet ta' l-attur izda fic-cirkostanzi tal-kaz tara hafna gustifikazzjoni fit-talba rikonvenzjonali tal-Club;

"Issa hu principju tal-ligi li l-kolpa ta' l-inadempiment hi prezunta. Dan a sensu ta' l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili.

"Kif enuncjat fis-sentenza a Vol. XXIX P I p 611, “l-Artikolu 831 ta’ l-Ordinanza VII ta’ l-1868 (illum l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16) jistabbilixxi principju generali applikabbli ghal kull xorta ta’ obbligazzjonijiet u jaghti azzjoni ta’ danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa’ fuq spallejh”;

"B’mod generali wkoll id-danni jikkonfiguraw ruhhom fit-telf li l-kreditur ikun bata u l-qligh li jkun gie mtellef (Artikolu 1153). Naturalment, eliminat il-fatt ta’ l-ghemil doluz, “id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta’ jobsor fiz-zmien ta’ l-obbligazzjoni.” (Artikolu 1136);

"Fil-fehma tal-Qorti d-danni kontrattwali *ex culpa* prevedibbli fil-mument tal-kuntratt ma setghux hlief ikunu, f’termini ta’ telf, l-erogazzjoni tal-flejjes ezistenti fil-patrimonju tad-danneggjat. F’termini ta’ telf ta’ qligh dan jikkonsisti, skond gudizzju ta’ probabilita`, fil-perdita` ta’ dawk l-utilitajiet li l-kreditur seta’ jikkonsegwixxi kieku l-obbligazzjoni tad-debitur tieghu giet adempita. Dan f’sens konkret u mhux merament ipotetiku. Il-Qorti ghalhekk teskludi fil-kuntest tal-kawza *de quo* t-telf tac-“*chance*” ta’ kwalifikazzjoni ghall-kampjonat Ewropew billi fic-cirkostanzi ma ssib l-ebda presuppost validu ghar-raggungiment tar-rizultat sperat;

"Min-naha l-ohra fl-ambitu ta’ l-Artikolu 1136 surreferit l-attur ma setax ma pprevediex fil-mument tal-kuntratt, fil-kaz ta’ provata inadempjenza da parte tieghu, li l-Club kien ikun intitolat jirrientegra l-patrimonju tieghu b’ dak kollu li bi spiza qawwija ghalih kien ingarba ruhu fih biex igibu Malta ha jippresta s-servizzi tieghu b’mod diligenti kif mistenni minn *player* professjonali, u mhux semplicement “*for a new experience and to learn the English language*” (Affidavit ta’ l-attur, fol. 26);

"Mid-dokument a fol. 59 jirrizulta li l-Club rikonvenzjonant nefaq spiza totali ta’ 64,700,000 liri Taljani pero` hu llimita ruhu ghat-talba rizarcitorja ta’ 32,500,000 liri Taljani. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma ssibx li dan l-ammont ma

jinkwadrax ruhu fid-dispost ta’ l-Artikolu 1135 fuq imsemmi u ghalhekk ser tghaddi biex takkolji t-talba fir-rigward ta’ din is-somma.

"Ghal dawn il-motivi;

"Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur *nomine*. Tilqa’ invece l-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* billi qabel xejn tiddikjara li l-attur *nomine* kien fi htija ghall-ksur tal-kuntratt ta’ ingagg tas-27 ta’ Awissu 1993 u ghalhekk ukoll responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-konvenuti *nomine* rikonvenzjonanti. Tillikwida dawn l-istess danni fl-ammont ta’ tnejn u tletin miljun u hames mitt elf liri Taljani (Lit 32,500,000) li jissarfu f’sittax-il elf seba’ mija u erbgha u tmenin Euro punt tmienja erbgha disgha (€16,784.849) ekwivalenti ghal sebat elef mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm7157.77). Konsegwentement tikkundanna lill-attur nomine jhallas lill-istess konvenuti nomine rikonvenzjonanti s-somma indikata in linea ta’ danni;

"L-ispejjez gudizzjarji kemm ta’ l-azzjoni principali kif ukoll dawk tal-kontro-talba jitbatew mill-attur nomine.”

## **<u>II. L-APPELL</u>**

4. L-attur Zaninelli hassu aggravat minn din is-sentenza u permezz tal-mandatarju tieghu appella minnha fl-10 ta’ Mejju, 2004. Fir-rikors ta' l-appell huwa jfisser l-aggravji tieghu u jitlob lil din il-Qorti sabiex joghgobha thassar, u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-21 ta’ April 2004, u konsegwentament tilqa' it-talbiet attrici, prevja cahda ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tichad it-talbiet rikonvenzjonali, prevja li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro talba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti jew alternattivament timmodifika dik il-parti ta’ l-istess sentenza li titratta l-likwidazzjoni tad-danni.

5. Fil-31 ta’ Mejju 2004, il-konvenuti appellati rrispondew ghall-aggravji kontenuti fl-appell ta' l-attur u talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, u

konsegwentament tikkundanna lill-attur nomine jhallashom is-somma likwidata mill-ewwel Qorti in linea ta' danni, bl-ispejjez gudizzjarji kemm ta' l-azzjoni principali u kif ukoll dawk tal-kontro-talba, kontra l-istess attur nomine.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET

6. Permezz ta' kuntratt iffirmat fis-27 ta' Awissu 1993, il-Hamrun Spartans Football Club ftehmu ma' l-attur Alessandro Zaninelli biex jilghab maghhom fl-istagun tal-kampjonat tal-football lokali ta' bejn l-1 ta' Settembru 1993 u t-30 ta' Mejju, 1994. Il-kumpens ta' Zaninelli ghal dan is-servizz kellu jkun ta' 80,000,000 Lire Italiane, li kellhom jitqassmu hekk:

*"Compenso di Lire Italiane 80,000,000 esentasse di cui:*

*"Lire Italiane 20,000,000 esentasse cosi suddivisi:*

*1. dare entro il 8/9/93 5,000,000*
*2. dare entro il 6/10/93 10,000,000*
*3. dare entro il 6/11/93 5,000,000*
*4. Lire Italiane 6,000,000 al 30 di ogni mese 1 mese 30 Settembre 1993*
*5. Saldo entro e non oltre il 30/05/94"*

Barra minn hekk, il-partijiet ftehmu wkoll, inter alia hekk:

*"6. I pagamenti, tutti I biglietti aeri, mensilita` comprese dovranno essere eseguiti in contanti e in Lire Italiane alle date stabilite. Trascorsi giorni cinque dalle suddette date la societa` Hamrun Spartans Football Club sara` obbligata a liberare il giocatore stesso da ogni vincolo contrattuale, dovra concedere immediatamente il transfer per l'Italia, e come risarcimento, sara` obbligata a pagare – sempre esentasse – una penale al giocatore pari all'importo totale del contratto meno quanto era percepito.*

*"7. Appartamento o hotel di gradimento*

*"8. No. 10 (dieci) biglietti aereo da e per Verona di cui No. 5 alla firma del contratto e no. 5 alla fine del primo round del campionato*

*"9. Assistenza per imparare l'inglese in Malta*

7. Fl-14 ta' April 1994, il-Hamrun Spartans kellhom jilghabu kontra il-"Club" tal-Valletta. Din kienet loghba importanti ghall-"Club" tal-Hamrun peress li dawn kellhom bzonn ta' rizultat pozittiv ghaliex kienu qeghdin jaspiraw li jikkwalifikaw ghall-kompetizjonijiet Ewropej. Jirrizulta li f'nofs il-loghba l-Belt kienu qeghdin jirbhu 2:1. Fil-fatt, waqt il-*half time* ta' din l-loghba, fid-*dressing rooms*, inqala' argument bejn Alessandro Zaninelli u xi dirigenti tal-"Club" Hamruniz, li lmentaw li hu ma kienx laghab sewwa bhala "*goaler*". Zaninelli hassu insultat b'dan id-diskors u qabad u telaq u ma kompliex jilghab la l-kumplament ta' dik il-loghba, u wisq anqas dak li kien baqa' mill-loghbiet tal-istagun.

8. Kif sewwa tghid l-ewwel Qorti, f'din il-kawza saru akkuzi reciproci mill-partijiet, konsistenti f'allegazzjonijiet miz-zewg nahat ta' ksur ta' l-obbligazzjonijiet kontrattwali assunti permezz ta' l-imsemmi kuntratt datat 27 ta' Awissu, 1993. Min-naha tieghu, l-attur illanja li l-"Club" ma kienx osserva l-ftehim dwar il-hlas imsemmi fil-kuntratt, u oltre dan jidher li lanqas bl-akkomodazzjoni moghtija lilu ma kien kuntent. Fl-affidavit tieghu a fol. 27, **Alessandro Zaninelli** qal hekk:

*"Payment to me by Hamrun Spartans was never on time. On the 8 April 1994 Mr. V. Tedesco, the then president of Hamrun Spartans, was still a debtor towards me for the sum of Lire 36,800,000 instead of Lire 18,000,000 which should have been due if all payments were made on time."*

L-appellant kien jilmenta dwar l-atteggjament tal-"Club" ma' uhud mill-players l-ohra. Wiehed min dawn kien **Andrew Bonello,** li kien jilghab mal-Hamrun Spartans flimkien ma Zaninelli, u li fl-affidavit tieghu jixhed hekk:

“Jien (Bonello) kont ingerger mieghu li l-Hamrun Spartans ma kienux qed ihallsuni fil-hin u hu (Zaninelli) kien jghidli li kellu l-istess problema mal-Club…. Naf li ftit qabel il-loghba kontra Valletta Football Club, jekk m’inix sejjer zball ftit sieghat qabel il-bidu taghha, Zaninelli kien gie infurmat li ma setax juza aktar l-akkomodazzjoni tad-Dolmen ghax tal-Hamrun Spartans ma kienux qed ihallsulu. Fil-fatt, Zaninelli spicca ma jafx fejn ser jorqod u jraqqad il-familja tieghu.” (fol. 34)

Affidavit iehor kien dak ta’ **Julio Azzopardi**, player iehor li kien jilghab mal-Hamrun Spartans fl-istess zmien li kien jilghab l-attur. Dan ix-xhud stqarr li:

“Gieli hrigna nieklu flimkien u hu spiss kien jilmenta mieghi li d-dirigenti ta’ Hamrun Spartans ma kienux qed jistmawh bizzejjed u ma kienux qed jonoraw il-kuntratt. Hu beda jilmenta mieghi b’dan il-mod xi xahar jew xaharejn wara li beda jilghab mal-Hamrun.” (fol. 36)

**Nebojsa Milinkovic**, player iehor li ta ix-xhieda tieghu, qal hekk:

*“However, in various occasions, Alessandro told me that the President of the F.C. Hamrun Spartans did not meet his financial liabilities towards him, but Alessandro kept going to the training sessions and games.”* (fol. 42)

9. Min-naha l-ohra, l-ufficjali tal-Club Hamruniz jinnegaw dawn l-akkuzi u minflok jghidu li kien Alessandro Zaninelli li kiser l-obbligazzjonijiet assunti permezz tal-kuntratt precitat u dan meta abbanduna lit-team tieghu f’nofs il-loghba deciziva kontra il-Valletta fl-14 ta’ April 1994. Dwar dik il-loghba, **Gaetano Debattista**, li f’dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta’ vici-President tal-club Hamruniz jghid hekk (Affidavit a fol. 51):

“F’dik il-loghba, kien il-Club taghna li mar minn fuq, u fi zmien hames minuti qabel it-tmiem tal-ewwel taqsima, Valletta skurjaw darbtejn b’rizultat ta’ zewg zbalji banali ta’ Zaninelli. Kif dhalna fid-dressing room, Zaninelli nehha l-

flokk u z-zraben u ddikjara li ma jridx johrog jilghab il-bqija tal-loghba…"

**Victor Tedesco,** li dak iz-zmien kien il-President tal-Hamrun Spartans xehed li:

"Min-naha taghna, l-Club ried izommu incentivat u kuntent u ghalhekk, il-hlasijiet dovuti lilu skond il-ftehim dejjem gew rispettati. Ghall-habta ta' Frar tal-1994, Zaninelli kien talabni biex iz-zewg hlasijiet dovuti ghal dak l-istess xahar u ghall-Marzu, kont inzommhom jien biex inhallsulu x-xiri ta' karozza tat-tip Morris……"

Dwar il-loghba deciziva kontra l-Belt, l-istess Victor Tedesco jghid;

"Bdejna l-loghba u sal-ewwel kwarta, konna minn fuq b'gowl. Fl-ahhar ftit minuti tal-ewwel taqsima, [Zaninelli] ghamel zewg zbalji banali wara xulxin li minnhom Valletta FC skurjaw zewg gowlijiet. Spiccajna l-ewwel taqsima minn taht. Minflok ma wera soghba ghall-izbalji li kien wettaq, Zaninelli beda jirrabja, jinza l-kit, jghajjat ma shabu, u ddikjara li ma riedx ikompli jilghab…." (fol. 60 – 61).

10. Wara l-incident li inqala' fil-loghba kontra l-Belt, il-klabb konvenut ha mizuri dixxiplinari kontra l-attur permezz ta' proceduri quddiem il-**Players and Coaches Complaints Board** tal-Malta Football Association (MFA). Dan il-Bord kien stabilixxa hekk:

"(a) Il-player Alessandro Zaninelli kien li kiser il-kuntratt ma' Hamrun Spartans FC;

(b) Il-multa li nponew Hamrun S, fuq il-player tigi mnaqqsa ghall-xahar paga, i.e. li tkun tammonta ghall-Lm1500, u li hi paga ekwivalenti ghat-tielet xahar li l-player ma kienx thallas salarju."

(c) L-ewwel xaharejn salarju li l-player ma kienx thallas taghhom, iridu wkoll jithallsu lilu minn Hamrun Spartans FC;

(d) Il-player m'ghandux dritt tal-hlas tal-biljett ta' l-ajru, peress li hu qatt ma kien ta pre-avviz lill-Hamrun Spartans FC." (fol. 56)

Inoltre, fuq appell tal-Klabb Hamruniz, il-Bord ta' l-appell tal-MFA, kien iddecieda li barra mill-multa stabbilita mill-Complaints Board, il-player kellu ukoll jirrifondi lill-Club l-ekwivalenti ta' 6,000,000 Lire Italiane li hu kien thallas bhala anticipu ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju 1994. Barra minn dan jidher ukoll mill-fax mibghuta mill-istess Alessandro Zaninelli lill-avukati tieghu, ezebita a fol. 106, li din id-decizjoni tal-MFA kienet eventwalment ukoll ratifikata mill-FIFA.

11. Kif diga` ntqal, l-ewwel Qorti, cahdet it-talbiet ta' l-attur u minflok, iddecidiet li tilqa' it-talbiet tal-klabb konvenut kontenuti fil-kontro-talba, billi kkundannat lill-attur li jhallas id-danni pretizi mill-istess klabb, liema danni dik il-Qorti llikwidat fis-somma ta' Lm7,157.77 li jissarrfu f'€16,784.849 - bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

12. In sostanza, l-ewwel gravam ta' l-appellant huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ikkonkludiet:

i) illi jekk l-attur nomine deherlu li l-konvenuti naqsu mill-hlas tal-pagamenti dovuti, l-attur kien obbligat jadixxi l-awtoritajiet gudizzjarji jew l-organi ta' l-Assocjazzjoni tal-Football f'Malta, u mhux f'nofs loghba importanti jiddeciedi li jittermina l-ftehim u jkomplix jippresta s-servizzi tieghu lill-klabb;  u

ii) illi kien l-abbandun ta' l-attur nominee f'din il-loghba tal-football partikolari li kien l-aktar nuqqas gravi min-nuqqasijiet kommessi miz-zewg partijiet.

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti qieset it-talba tieghu fid-dawl tal-kuncett ta' kundizzjoni rizoluttiva <u>tacita</u>, meta minflok, kien imissha tapplika l-principji tal-kundizzjoni rizoluttiva <u>espressa</u>. Huwa jenfasizza li skond il-kuntratt tas-27 ta' Awissu, 1993, f'kaz ta' morozita` da parti tal-

konvenuti u wara hamest ijiem mid-data meta l-pagament kien ikun dovut, kellha tapplika kundizzjoni rizoluttiva espressa u l-kuntratt kellu jigi rizolt. Tant hu hekk li f'dan il-kaz il-konvenuti kienu obbligati jirrangaw ghat-trasferiment immedjat ta' l-attur lejn l-Italja u kif ukoll ihallsu l-penali miftehma. L-appellant jaghmel referenza ghall-Artikoli 1066 *et seq* tal-Kap. 16[1] u jsostni li f'kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa il-kuntratt jinhall *ipso jure,* filwaqt li fil-kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva tacita, ikun hemm bzonn tal-pronunzjament tal-Qorti peress li din ghandha l-fakolta` moghtija lilha mill-ligi li testendi it-terminu biex tigi mwettqa l-obbligazzjoni mankanti. Fid-dawl ta' din id-distinzjoni, l-appellant jasserixxi, fi kliemu stess li:

*"i) Jirrizulta kjarament illi fil-kuntratt mertu ta' din il-kawza hemm kundizzjoni rizoluttiva espressa u,*

*ii) Meta l-attur nomine qabad u abbanduna l-partita lamentata mill-konvenuti, kien diga` sehh dak kontemplat f'din il-kundizzjoni. Kwindi l-attur nomine, kien diga mehlus ipso jure mill-obbligi tieghu kontrattwali."* (fol. 6 - appell)

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma apprezzatx dan u donnha injorat ghal kollox din il-kundizzjoni u ezaminat il-kawza mil-lenti tal-kontro talba biss. L-appellant jaghmel referenza ghall-provi prodotti sabiex isostni li l-kundizzjoni rizoluttiva espressa altro'che giet ipprovata. Huwa jghid li

---

[1] **"1066.** (1) Il-kondizzjoni rizoluttiva hija dik illi, meta ssehh, tholl l-obbligazzjoni, u terga' tqieghed il-hwejjeg fl-istess stat bhal kieku l-obbligazzjoni ma kienet giet qatt maghmula.

**1067.** Jekk il-kundizzjoni rizoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall *ipso jure*, u l-Qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut.

**1068.** Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntatti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha:

Izda f'dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure, u l-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh."

l-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw jirribattu il-pretensjoni ta’ morozita` ta’ hlas u jissottometti li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi li l-attur nomine kien diga` mahlul mill-obbligi tieghu fil-15 ta’ April 1994, u ghalhekk ma kkometta l-ebda ksur ta' kuntratt fil-loghba ta’ dakinhar. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha d-dover li tistabilixxi d-danni dovuti mill-konvenuti lill-attur skond dak stipulat fl-istess kundizzjoni rizoluttiva espressa.

13. Qabel ma l-Qorti taghmel il-kummenti taghha dwar dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellant, huwa xieraq li l-aspett legali, li fuqha huwa bbazat dana l-aggravju ta' l-appellant, jigi approfondit ftit aktar. Fis-sentenza **Victor Chetcuti v. Joseph Farrugia** deciza fid-29 ta’ April 1993[2], din il-Qorti kienet spjegat il-kuncett ta’ kondizzjoni rizoluttiva u kienet ikkunsidrat hekk:

“Meta kundizzjoni rizoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li titqies bhala maghmula tacitament, tkun ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-pparti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli (artikolu 1069). Izda hemm differenza sostanzjali, fl-applikazzjoni taghha, bejn il-wahda u l-ohra. Infatti jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall ipso iure, u l-Qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni (artikolu 1067). Jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija tacita, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure, u l-Qorti tista’ skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu (artikolu 1068).”

Similment, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Ottubru 2003, fil-kawza **Adrian Busietta pro et noe v. Philip O. Gatt pro et noe** ikkummentat hekk:

---

[2] Vol. LXXVII.ii.147

“Meta f’kuntratt bilaterali jkun hemm il-patt kommissorju espress, malli tavvera ruhha l-inadempjenza kontrattwali, l-intervent tal-Qorti jkun biss ghall-ordni specifika.... L-alternattiva ghal din is-sitwazzjoni hija dik kontemplata fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili, gja citat, li jaghti d-dritt ta’ rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza kontrattwali ta’ l-obbligat bl-intervent tal-Qorti ghall-otteniment ta’ tali dikjarazzjoni u f’liema kaz il-Qorti tkun tista’ skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu.”

14. Fil-kawza in ezami, is-sentenza appellata bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, li jghid hekk:

“(1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi.”

L-ewwel Onorabbli Qorti kompliet tghid hekk:

“Kif spjegat fid-decizjoni riportata a Vol. XLIII P II p 805, “fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tal-Kodici Civili) ... Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239)” (fol. 199/200)

L-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni komparattiva ta' l-imgieba taz-zewg partijiet biex tiddetermina liema nuqqas kien l-aktar nuqqas gravi, cioe` bejn in-nuqqas ta’ l-attur li jkompli jaghti s-servizz li ntrabat li jaghti u n-nuqqas tal-konvenuti li jhallsu tempestivament ghas-servizz li kien diga` ta.

15. L-appellant jilmenta li l-ahhar imsemmija konsiderazzjoni maghmula fis-sentenza appellata ma kellhiex issib applikazzjoni f'kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa, bhal dik li giet inserita favur tieghu fil-kuntratt in kwistjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-istess konsiderazzjoni fil-konfront tat-talbiet tieghu kontenuti fl-att tac-citazzjoni. L-appellant, kif diga` ntqal (ara para. 12 supra), iqis li l-inadempjenza da parti tal-konvenuti kienet diga` sehhet qabel il-partita tal-15 ta' April, 1994. Huwa jghid li l-imsemmija kondizzjoni rizoluttiva espressa kienet diga` skattat qabel il-15 ta' April 1994, u "kwindi l-attur nomine, kien diga` mehlus *ipso jure* mill-obbligi kontrattwali tieghu" (fol. 6 appell).

16. Evidentement l-appellant m'ghandux ragun meta jissottometti dan l-argument. Il-Qorti tistaqsi kif jista' l-appellant, fl-istess nifs, jasserixxi li fil-15 ta' April 1994, kien diga` mahlul mill-obbligi tieghu skond il-kuntratt, meta rrizulta li f'dik id-data huwa kien qieghed jesegwixxi l-istess kuntratt bil-prestazzjoni kalcistika tieghu fil-loghba mal-Valletta FC? Jirrizulta li dakinhar huwa wera li effettivament kien marbut bl-imsemmi kuntratt u kien biss wara l-"*half time*" li hu qabad u abbanduna l-partita u b'hekk cahhad lill-konvenuti mis-servizz li kien intrabat li jaghtihom. Kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti, sad-data ta' l-imsemmija partita, l-appellant ma kienx ghadu ha passi attivi biex jillibera ruhu mir-rabta kontrattwali. Fi kliem iehor, l-imsemmija kondizzjoni rizoluttiva espressa, effettivament ma kienitx ghadha skattat sa dakinhar ta' l-imsemmija partita.

17. Jidher assodat mill-provi prodotti, li minkejja li l-attur Alessandro Zaninelli jidher li kien qieghed jilmenta ma' shabu li l-Club ma kienx qieghed ihallsu fil-hin u li l-akkomodazzjoni supplita lilu ma kenitx skond ix-xewqa tieghu, kif ukoll dwar in-nuqqas tal-konvenuti li jixtrulu l-karozza antika li xtaq, xorta wahda ma ngiebet ebda prova li Zaninelli kien iffaccja lid-dirigenti tal-Club dwar dawn l-ilmenti li huwa kellu. Jidher li fl-okkazzjoni tal-loghba kontra l-Valletta l-appellant hassu offiz bl-imgieba ta' whud mid-dirigenti tal-Club konvenut. Fil-fatt, it-tlett players Andrew Bonello, Julio Azzopardi u Nebojsa

Milinkovic, li t-tlieta kienu prezenti meta graw il-fatti tal-loghba, jikkoraboraw dan fl-affidavit rispettivi taghhom. Andrew Bonello jghid li:

"Fil-half-time sar jaf minn player iehor li d-dirigenti tal-Club tal-Hamrun kienu qed jghidu li kien biegh il-loghba. Huwa fl-istat li kien, tant irrabja b'dan id-diskors li hassu ma setax jibqa' hemm u jkompli jilghab." (fol. 35)

L-istess Julio Azzopardi li jghid li fil-half time ta' dik il-loghba:

"Meta Zaninelli xeba' jisma' dawn l-insulti kollha, bhala bniedem professjonali dar fuqna u qalilna "I'sorry boys, I lost, you lost, I sorry" u dahal jinhasel. Niftakar ukoll li ahna u dehlin fit-tunnel qalli: "Ma questo e` troppo." (fol. 38)

Nebojsa Milinkovic fi kliemu stess, jghid hekk:

"After the first half, the FC Hamrun was losing with 2:1 and Alessandro Zaninelli was one to blame by some of the players and members of the Management Board of the FC Hamrun Spartans. In the dressing room, the same persons started to offend and underestimate Alessandro, and all that I was wathching and standing aside. After that Alessandro, in front of all them, communicated to the trainer and the president that he was not willing to continue the game under such conditions, and took off his dress." (fol. 42)

Barra minhekk, l-istess attur jikkonferma dan, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol. 181, fejn jghid:

"…waqt dik il-loghba tal-15 ta' April 1994, fil-half time, kien gie insulentat bil-goff minn xi players u xi membri tal-kumitat tal-Hamrun. Kien minhabba f'hekk, rinfaccat b'dan l-atteggjament xejn professjonali illi neza l-uniformi u telaq…"

18. Victor Tedesco li dak iz-zmien kien il-President tal-klabb konvenut *inter alia* stqarr hekk dwar dak li gara matul l-imsemmija partita:
"Bdejna l-loghba u, sa l-ewwel kwarta, konna minn fuq b'gowl. Fl-ahhar ftit minuti ta' l-ewwel taqsima, ghamel zewg zbalji banali wara xulxin li minnhom Valletta F.C. skurjaw zewg gowlijiet. Spiccajna l-ewwel taqsima minn taht. Minflok ma wera soghba ghall-izbalji li kien wettaq, Zaninelli beda jirrabja, jinza' il-kit, jghajjat ma' shabu, u ddikjara li ma riedx ikompli jilghab. Il-players, li dak il-hin kienu qalbhom maqtugha u demoralizzati b'dak li kienu qed jaraw, u jien [li kont ukoll il-manager tat-tim u kowc] ippruvajna nikkonvincuh biex jikkalma u jdawwar fehmtu, imma hu baqa' jinsisti li ma riedx johrog ghat-tieni taqsima. Dakinhar, kien hawn Malta martu u ibnu, u kelli nsir naf li, hekk kif hrigna biex nilghabu t-tieni taqsima, Zaninelli kien telaq minn Ta' Qali. Fil-fatt, kellna nsejhu l-*goal-keeper* tar-riserva Julio Azzopardi, li bih komplejna l-loghba, bir-rizultat jibqa' ma jinbidilx sat-tmiem.

Minhabba f'hekk , b'dak ir-rizultat, il-Club tilef l-opportunita` li jikkwalifika ghal xi wahda mill-kompetizzjonijiet Ewropej, u dak kollu li kien ilna nfasslu sa minn qabel l-istagun sfaxxa fix-xejn"

19. Fil-fehma tal-Qorti, nonostante li l-appellat seta' kellu xi lmenti li setghu kienu gustifikati, madanakollu sad-data ta' l-imsemmija partita huwa mhux biss naqas li jenforza l-allegati drittijiet tieghu fil-konfront tal-klabb konvenut, izda wkoll naqas li jindika lid-dirigenti li kellu l-intenzjoni li jaghmel hekk. Tant hu hekk li evidentement hassu li kienu ghadu marbut li jippresta s-servizzi tieghu skond l-imsemmi kuntratt; infatti huwa laghab l-ewwel nofs ta' dik il-partita. Jidher li ddecieda li jtemm il-kuntratt in kwistjoni <u>unilateralment</u> dakinhar stess meta rrifjuta li johrog ghat-tieni nofs tal-partita. Izda meta ghamel hekk, evidentement huwa ghazel mument pregudizzjevoli hafna ghalih, ghaliex huwa ma setax b'responsabbilita`, bla ebda preavviz, jabbanduna l-iskwadra tieghu f'nofs partita u jcahhadha mis-servizz li kellu l-obbligu li jaghtiha skond il-kuntratt in kwistjoni. F'dak il-mument ma gara xejn li seta' jiskatta l-konduzzjoni rizoluttiva espressa li

tissemma' fil-kuntratt in ezami u konsegwentement l-agir impulsiv ta' l-appellant li jabbanduna l-partita kien nuqqas gravi. L-ewwel Qorti korrettement evalwat l-imgieba taz-zewg partijiet u kkonkludiet li ma sabet l-ebda ekwivalenza bejn l-allegata inadempjenza fil-klabb konvenut u dik ta' l-attur. Anzi sabet li l-inadempjenza, b'mod gravi, kienet gejja min-naha ta' l-attur meta minn rajh zvinkola ruhu minn kull impenn kontrattwali, abbanduna l-partita u wara ftit telaq minn Malta.

20. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija tal-fehma li s-sitwazzjoni li nholqot meta l-attur ma kompliex jilghab il-loghba kontra il-Valletta FC kellha tigi attribwita aktar ghal fatt li huwa hassu offiz bil-kliem li nghad mid-dirigenti tal-klabb konvenut fil-konfront tieghu dwar l-allegati zbalji "banali" li kien ghamel f'dik il-loghba, milli ghal fatt li l-klabb kien qieghed lura fil-hlas tas-salarju. Meta l-attur abbanduna dik il-partita u aktar tard telaq lura lejn l-Italja minghajr preavviz, qieghed lil Club Hamruniz f'posizzjoni fejn dan, mhux talli tilef il-flus li kien investa f'Zaninelli, izda ukoll sab ruhu f'posizzjoni fejn hesrem gie deprivat mis-servizzi tal-goalkeeper titulari li kien gie appozitament ingaggat biex jirraggungi l-aspirazzjonijiet kemm ghall-kampjonat u kif ukoll ghall-kwalifikazzjoni fil-kompetizzjonijiet Ewropej. Dan certament jissarraf f'telf finanzjarju konsiderevoli li l-appellant huwa responsabbli li jaghmel tajjeb ghalih. Ghalhekk, dan l-ewwel aggravju tal-attur appellant ma jistax jigi milqugh.

21. Skartat dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti sejra tghaddi biex titratta t-tieni gravam ta' l-appellant li jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti llikwidat id-danni favur il-konvenuti. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti hasset li d-danni sofferti kienu l-ispiza li nefqu l-konvenuti biex Alessandro Zaninelli jingieb hawn Malta. L-appellant jissottometti li l-konvenuti ma gabu ebda provi dwar x'danni huma batew u ukoll ma ghamlu l-ebda sottomissjoni valida dwar kif dawn id-danni kellhom jigu kkalkolati. Ghalhekk l-appellant jargumenta li kieku l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-kontrotalba kellha tichad li tillikwida d-danni. L-appellant jargumenta ukoll li bil-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat id-

danni, dan ser igib stat ta' arrikkiment indebitu fil-konfront ta' l-appellant. Huwa jsostni li f'dan il-kaz il-konvenuti kienu ser jitqieghdu fil-pozizzjoni finanzjarja li kienu fiha qabel ma hu gie ingaggat maghhom, u ghalhekk hu kien ser ikun ippresta s-servizzi tieghu versu l-klabb konvenut minghajr rimunerazzjoni ta' xejn. L-appellant hawnhekk isostni li sa qabel il-loghba tal-15 ta' April 1994, hu kien ilu jirrendi s-servizzi tieghu lill-klabb minn Awissu 1993; ghalhekk huwa jghid li hija haga certa li almenu sal-15 ta' April 1994, l-ispejjez li ghamlu l-konvenuti fil-konfront ta' l-ingagg tieghu kienu gustifikati billi l-klabb ha s-servizz professjonali tieghu pjenament. Ghalhekk l-appellant jghid li, se mai, jekk kien hemm xi danni, dawn kienu jirrisalu ghal perjodu wara d-data tal-15 ta' April, 1994.

22. Jidher car li d-danni sofferti mill-appellati jiskaturixxu mill-fatt li l-appellant naqas li jadempixxi l-obbligi kontrattwali minnu assunti meta huwa abbanduna partita importanti u wara naqas li jkompli jaghti s-servizzi tieghu lill-klabb konvenut xahar u nofs qabel it-tmiem tat-terminu tal-kuntratt. Sar allura applikabbli l-Artikolu 1125 tal-Kap. 16 jghid li "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Fis-sentenza appellata jinghad li:

"…d-danni kontrattwali *ex culpa* prevedibbli fil-mument tal-kuntratt ma setghux hlief ikunu, f'termini ta' telf, l-erogazzjoni tal-flejjes ezistenti fil-patrimonju tad-danneggjat. F'termini ta' telf ta' qligh dan jikkonsisti, skond gudizzju ta' probabilita`, fil-perdita` ta' dawk l-utilitajiet li l-kreditur seta' jikkonsegwixxi kieku l-obbligazzjoni tad-debitur tieghu giet adempita. Dan f'sens konkret u mhux merament ipotetiku." (fol. 204/205)

23. A fol. 59, il-konvenuti appellati jaghtu rendikont ta' l-ispejjez minnhom inkorsi fl-ingagg ta' l-attur, u jidher li dawn ammontaw ghas-somma ta' 64,700,000 Lire Italiane, izda minn dan l-ammont il-konvenuti talbu ir-rizarciment ta' 32, 350,000 Lire Italiane. L-Artikolu **1135** tal-Kodici Civili jghid li *"id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma b'mod generali, ghat-telf li jkun bata' u l-qliegh li jkun gie mtellef."* Bhalma sewwa sostniet l-ewwel

Qorti, peress li din il-kawza titratta primarjament l-ingagg ta' l-attur bhala *goalkeeper* fil-loghob tal-football, id-danni spettanti f'din il-kawza ma jistghux jigi kkalkolati fil-kuntest tat-telf finanzjarju konnessi ma' l-isperanza li kellu l-klabb li jikkwalifika fil-kompetizzjonijiet Ewropej jew fl-opportunitajiet li seta' tilef il-Club fil-kompetizzjoni tal-kampjonat lokali. L-Artikolu **1136** tal-Kodici Civili jghid li meta ma jkunx hemm ghemil doluz, id-debitur hu obbligat biss ghad-danni li hu basar jew li setghu jinbassru, fi zmien ta' l-obbligazzjoni. Fil-fatt, fi kliem l-ewwel Qorti stess
"l-attur ma setax ma pprevediex fil-mument tal-kuntratt, fil-kaz ta' provata inadempjenza da parte tieghu, li l-Club kien ikun intitolat jirrientegra l-patrimonju tieghu b'dak kollu li bi spiza qawwija ghalih kien ingarba ruhu fih biex igibu Malta ha jippresta s-servizzi tieghu b'mod diligenti kif mistenni minn player professjonali...." (fol. 205).

24. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tilqa' dan it-tieni aggravju ta' l-appellant billi hija taqbel essenzjalment mal-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti, hlief ghas-segwenti precizazzjoni li hemm lok ssir, nonostante li ma gietx senjalata lanqas mill-appellant stess. L-ewwel Qorti kkonkludiet li s-somma ta' 32,500,000 Lire Italiane, ekwivalenti ghal Lm7,157.77 u ghal **16,784.849 Euro**, ghandha tigi rizarcita bhala danni lil-klabb tal-Hamrun Spartans. Madanakollu ghandu jigi precizat li d-danni mitluba mill-konvenuti rigward il-kontro-talba taghhom jammontaw ghal Lit. 32,350,000 (ara fol. 59 tal-process) u mhux Lit. 32,500,000 kif indikat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, evidentement bi svista. Ghalhekk, bir-rata ta' kambju wzata mill-ewwel Qorti is-somma ta' Lit. 32,350,000 kienet tekwivali ghas-somma ta' Lm7,124 (sebat elef mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija) u din illum tekwivali ghas-somma ta' EUR 16,595 (sittax-il elf, hames mija u hamsa u disghin Euro). Ghalhekk, f'dan is-sens, hemm lok li din il-Qorti tirriforma l-likwidazzjoni tad-danni msemmija li giet maghmula fis-sentenza appellata.

25. Ghal motivi hawn fuq esposti dan l-appell qed jigi milqugh <u>limitatament</u> ghal dak li jinghad fil-paragrafu

precedenti. Ghalhekk, is-sentenza appellata qed tigi konfermata *in toto*, minbarra dik il-parti li biha giet likwidata s-somma ta' Lm7,157.77 spettanti lill-konvenuti rikonvenzjonanti, liema parti qieghda tigi revokata, u minflok l-istess danni qieghdin jigu likwidati fis-somma ta' Lm7,124 ekwivalenti ghas-somma ta' EUR 16,595. Konsegwentement, tikkundanna lill-attur nomine appellanti jhallas lill-istess konvenuti nomine l-ahhar somma indikata in linea ta' danni.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha ta' din l-istanza jithallsu mill-attur nomine appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------